(3) *Télévision française 1 SA (TF1) hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha fil-Kawża T-573/08 kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni u minn France Télévisions f'din il-kawża.*

(4) *Ir-Repubblika Franċiża u Canal + għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż tagħhom fil-Kawżi T-568/08 u T-573/08.*

---

[1] ĠU C 55, 07.03.2009.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni vs Antiche Terre**

**(Kawża T-51/09)** [1]

***("Klawżola ta' arbitraġġ — Programm għall-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija għall-Ewropa (Thermie) — Kuntratt għall-proġett ta' kostruzzjoni f'Umbertide (l-Italja) ta' impjant tal-ġenerazzjoni ta' enerġija elettrika permezz ta' teknoloġija ġdida ta' ħruq tal-biomassa agroforestali — Tibdil sostanzjanali tal-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt — Xoljiment — Rimbors tas-somom imħallsa — Interessi")***

(2010/C 221/68)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Joris, aġent, assistit minn A. dal Ferro, avukat)

*Konvenuti:* Antiche Terre Soc. coop. rl Società Agricola Cooperativa (Arezzo, l-Italja) (rappreżentanti: L. Defalque u P. Van Leynseele, avukati)

**Suġġett**

Rikors ppreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 238 KE, intiża sabiex Antiche Terre tiġi kkundannata għar-rimbors tas-somom imħallsa mill-Komunità Ewropea b'implementazzjoni tal-kuntratt BM/188/96, tat-23 ta' Diċembru 1996, konkluż ma' tliet kumpanniji, fosthom Antiche Terre, fil-kuntest tal-programm Thermie.

**Dispożittiv**

(1) *Antiche Terre Soc. coop. Rl Soċietà Cooperativa hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni s-somma ta' EUR 479 332,40 miżjuda bl-interessi skont ir-rata legali Taljana, ikkalkolati skond ir-rati fis-seħħ mil-4 ta' Jannar 2004 u sal-jum tal-ħlas kollu tad-dejn, wara tnaqqis tas-somma ta' EUR 461 979 irkuprata mill-Kummissjoni wara l-ħlas, fil-25 ta' Jannar 2005 lilha, tal-garanzija bankarja li l-Kummissjoni kienet il-benefiċjarja tagħha.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Antiche Terre hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 82, 04.04.2009.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2010 — Herhof vs UASI — Stabilator (stabilator)**

**(Kawża T-60/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva stabilator — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti STABILAT — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probbabiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh bejn il-prodotti u s-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 221/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH (Solms, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Zinnecker u T. Bosling, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Stabilator sp. z o.o. (Gdynia, il-Polonja) (rappreżentant: M. Kacprzak, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Diċembru 2008 (Każijiet R 483/2008-4 u R 705/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH u Stabilator sp. z o.o